MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' April, 2016

Rikors Maħluf Numru: 142/15 LM

**Christine Muscat**

**(karta tal-identità numru 79065M)**

**vs.**

**Christian Fenech**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attriċi **Christine Muscat** (minn issa 'il quddiem "l-attriċi") ippreżentat fis-16 ta' Frar, 2015, li permezz tiegħu ppremettiet u talbet lil din il-Qorti:

1. *Illi fit-8 ta' Diċembru, 2010 fi Triq l-Isqof FS Caruana, Msida f'xil-11.30am il-konvenut tajjar lill-attriċi waqt li hu kien qed isuq il-vettura tal-marka KIA bin-numru ta' reġistrazzjoni ABS-842 b'imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku.*

2. *Il-konvenut ħareġ minn fuq "Stop Sign" u tajjar lill-attriċi waqt li din kienet qed taqsam it-triq.*

3. *Illi Dok. A huwa skizz ta' fejn ġara l-inċident. Dok. B huwa ċ-ċertifikat tat-twelid tal-attriċi li jikkonferma li l-attriċi fid-data tal-inċident kellha 46 sena. Dok. Ci sa Cv huma l-formoli tal-FS 3 tal-attriċi għas-snin 2009 sa 2013 li juru li l-attriċi taqla' ċirka €24,887.00 fis-sena. Dok. D huwa rapport mediku tal-Konsulent Ivan Esposito li jindika x'kienu l-ġrieħi li l-attriċi sofriet frott ta' dan l-inċident u jindika wkoll li l-perċentwali ta' diżabbilità li sofriet l-attriċi kien ta' 8%. Dok. D huwa ċertifikat maħruġ mill-isptar meta ddaħħlet l-attriċi fid-Dipartiment tal-Emerġenza ta' Mater Dei. Dok. D2 huwa ċertifikat tal-MRI magħmul f'Lulju wara l-inċident. Dok E huwa rendikont tad-damnum emergens li sofriet l-attriċi.*

4. *Illi l-konvenut interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni subiti mill-attriċi baqa' inadempjenti. Fil-fatt hu ġie servut b'ittra bonarja tal-20 ta' Ġunju, 2011, u bi tliet ittri uffiċjali datati 21 ta' Marzu, 2012, 5 ta' Marzu, 2013 u 21 ta' Novembru, 2014 – Dok. F, Dok. G, Dok. H u Dok. I. Dok. J hu r-rapport tal-Pulizija dwar l-inċident.*

5. *Illi l-konvenut ġie misjub ħati li involontarjament ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq l-attriċi u dan permezz ta' sentenza fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Christian Fenech – deċiża mill-Qorti tal-*

*Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fis-17 ta' Ottubru, 2013 – Dok. K. Din is-sentenza kienet appellata però għad m'hemmx deċiżjoni. Fil-fatt dik il-Qorti eskludiet li seta' kien hemm xi negliġenza kontributorja tal-attriċi.*

6. *Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat l-attriċi ppreżentat ittra uffiċjali kontra d-ditta assikuratriċi tal-konvenut Untours Limited u dan għall-iskop tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Qorti jogħġobha:*

i. *tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fit-8 ta' Diċembru, 2010 fi Triq l-Isqof FS Caruana, Msida, f'xi l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) meta l-konvenut tajjar lir-rikorrenti waqt li hu kien qed isuq vettura tal-marka KIA b'numru ta' reġistrazzjoni ABS-842 b'imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku;*

ii. *tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi frott ta' dan l-inċident u dan okkorrendo bl-għajnuna ta' periti u esperti nominandi;*

iii. *tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dawk id-danni kif likwidati fit-tieni talba;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Ġunju, 2011 u tat-tliet ittri uffiċjali tal-21 ta' Marzu, 2012 u 5 ta' Marzu, 2013 u 21 ta' Novembru, 2014 kif ukoll tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment. U bl-imgħaxijiet.*

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-16 ta' Marzu, 2015 mill-konvenut **Christian Fenech** (minn issa 'il quddiem "il-konvenut") li permezz tagħha:

1. *ammetta r-responsabilità għall-inċident imsemmi fir-rikors ġuramentat;*

2. *irrileva li ma kienx hemm qbil mal-attriċi dwar il-quantum tad-danni.*

Qrat l-affidavit tal-attriċi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rapport tal-espert mediku il-Professur Frederick Zammit Maempel[1] ikkonfermat minnu bil-ġurament fis-seduta tal-5 ta' Ġunju, 2015 li fih irrelata li l-attriċi għandha diżabbiltà permanenti ta' tmienja fil-mija (8%).

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u s-sottomissjonijiet orali tal-avukati difensuri tagħhom.

Rat li l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

[1] A fol. 72 sa 76 tal-proċess.

Illi r-responsabbiltà għall-inċident inkwistjoni ġiet ammessa mill-konvenut fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu u għalhekk il-kwistjoni f'din il-kawża hija limitata għall-*quantum* tad-danni.

Il-Qorti ħatret espert mediku li rrelata li kawża tal-inċident, l-attriċi sofriet diżabbiltà fiżika ta' 8%. Din l-opinjoni esperta ma ġietx ikkontestata la mill-attriċi u lanqas mill-konvenut.

Wara li kkunsidrat il-provi li ressqet l-attriċi dwar l-ispejjeż li nkorriet kawża tal-inċident, u dwar id-dħul tagħha mill-impjieg, din il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni kif ġej:

_*Damnum emergens*_:

| | € |
|---|---|
| Pilloli €12 fix-xahar għal 30 sena - | 4,320.00 |
| Spejjeż ta' fiżjoterapija, rota tal-eżerċizzju, visti għand l-*orthopaedic surgeon*, rapport ta' speċjalista u nuċċali tax-xemx mixtri minflok dak li ntilef waqt l-inċident - | 1,428.00 |
| | 5,748.00 |

*Lucrum Cessans*:

| | € |
|---|---|
| €25,798 x 16-il sena[2] x 8% diżabbiltà | 33,021.44 |

Din il-Qorti filwaqt li qiegħda tapplika rata ta' tnaqqis ta' 20% għal-*lump sum payment,* hija tal-fehma li m'għandha tnaqqas xejn minn din ir-rata peress li l-konvenut ma tawwalx din il-kawża inutilment, anzi din il-kawża qed tinqata' fi żmien qasir. Għalhekk l-ammont fuq indikat ta' €33,021.44 għandu jonqos b' €6,604.29 għal €26,417.15.

Fl-aħħar nett meta tgħodd l-ammont dovut bħala *lucrum cessans* ma' dak dovut bħala *damnum emergens*, dan iwassal għall-ammont ta' €32,165.15.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti:**

1. **tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li ġara fit-8 ta' Diċembru, 2010 fi Triq l-Isqof FS Caruana, Msida, f'xi l-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30am) meta l-konvenut tajjar lill-attriċi waqt li hu kien qed isuq vettura tal-marka KIA bin-numru ta' reġistrazzjoni A,B,S – tmienja,**

[2] Abbażi ta' multiplier ta' 16-il sena ċjoè sakemm l-attriċi tagħlaq 62 sena, tlett snin qabel is-sena tal-irtirar minħabba l-inċertezza tal-futur.

**erbgħa, tnejn (ABS-842) b'imperizja, negliġenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku;**

2. **tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fis-somma ta' €32,165.15;**

3. **tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta' €32,165.15 bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Ġunju, 2011; tat-tliet ittri uffiċjali tal-21 ta' Marzu, 2012, tal-5 ta' Marzu, 2013 u tal-21 ta' Novembru, 2014 kif ukoll tal-ittra uffiċjali ppreżentata kontestwalment mar-rikors ġuramentat.**

Moqrija

--------------------TMIEM--------------------